MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 771/2006

**Il-Prokuratur Legali Madeleine Firman bhala mandatarja specjali f`isem u ghan-nom tas-socjeta` estera MAN B & W Diesel AG[1]**

**vs**

**COTE D`AZUR SHIPPING LIMITED C32645 ta` 1, Col. Savona Street, Sliema SLM 07**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tas-socjeta` MAN B & W Diesel AG fejn fih is-socjeta` rikorrenti ppremettiet illi:

[1] U b'digriet tat-2 ta' Ottubru, 2006 l-isem MAN B & W Diesel AG gie mhassar u sostitwit bl-isem "MAN DIESEL SE" kif konfermat wara li nghatat is-sentenza fid-digriet tas-17 ta' Novembru, 2008.

1. Is-socjeta` attrici bieghet lis-socjeta` konvenuta diversi *spare parts* intizi ghall-bastiment *lanuk,* proprjeta` tas-socjeta` konvenuta, liema *spare parts* gew konsenjati mis-socjeta` attrici lill-istess bastiment u accettati mis-socjeta` konvenuta jew mill-*managers* taghha;

2. Is-socjeta` attrici hadet hsieb ukoll it-tiswija u l-armar, ossija l-ekwipaggar, ta` l-imsemmi bastiment skond kif gie mitlub mill-*managers* ta` l-istess bastiment u dan kif sejjer jigi spjegat f`izjed dettal fil-mori tal-kawza;

3. Minkejja li s-socjeta` attrici harget zewg fatturi datati sbatax (17) ta` Marzu, sena elfejn u sitta (2006) u dsatax (19) ta` Awissu, elfejn u hamsa (2005) sabiex tithallas ghal dak mibjugh minna kif ukoll ghas-servizzi rezi minnha, baqghet ma thallsetx u dan minkejja l-interpellazzjonijiet bonarji li s-socjeta` attrici ghamlet ma` l-*managers* tal-bastiment u ma` rapprezentanti ohra ts-socjeta` konvenuta (kopja ta` fatturi relattivi huma hawn annessi u markati A u B rispettivament);

4. Is-somma komplessiva dovuta lis-socjeta` attrici mis-socjeta` konvenuta hija ta` disgha u disghin elf, seba` mija tminja u erbghin Euro punt tminja (€99,748.08) kif jidher fl-imsemmija fatturi Dok A u Dok B, liema somma komplessiva hija, fid-data ta` prezentata ta` dan l-att, ekwivalent fi flus maltin ghal *circa* Lm32,176.

5. Is-socjeta` attrici ghandha kull dritt li tithallas mis-socjeta` konvenuta ghal dak dovut lilha skond l-imsemmija fatturi;

Talbu lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddeciedi u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma li fid-data tas-sentenza tkun ekwivalenti fi flus maltin ghal disgha u disghin elf, seba` mija tminja u erbghin Euro punt tmienja € 99,78.08 dovuta mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici skond kif jidher fil-fatturi Dok A u Dok B.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali mid-dati tal-fatturi rispettivi sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta` konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat illi ghalkemm debitament notifikata s-socjeta` konvenuta ma pprezentat ebda risposta.

Ikkunsidrat illi, t-talbiet tas-socjeta` attrici gew ampjament pruvati ghas-sodisfazzjon ta` din il-Qorti.

Ghaldaqstant taqta` u tiddeciedi billi tilqa` t-talba tas-socjeta` attrici u tikkundanna s-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ekwivalenti fi flus Maltin ghal disgha u disghin elf, seba` mija, tmienja u erbghin euro punt tmienja (Euro 99,748.08).

Bl-imghaxijiet kummercjali mid-dati tal-fatturi rispettivi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------